28 ta' Ġunju, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Nobbli Dr. Giuseppe Attard Montalto *versus* Maurice Verzin et.

**Mandat Kawtelatorju — Nullità — Revoka — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 781, 790, 789 (1), 180 para. (a), u 846 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk mandat kawtelatorju jiġi ottenut minn persuna li ma kellhiex dritt tottjenieh, dan ma jfissierx li l-mandat huwa null; u għalhekk hemm lok għar-revoka tiegħu, imma mhux għal dikjarazzjoni tan-nullità tiegħu.*

*Id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi relativi għall-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna huma applikabili għall-atti kawtelatorji, fosthom dik li dik l-eċċezzjoni ma tistax tingħata kontra ċerti persuni mill-istess liġi msemmijin, fosthom ir-raġel tal-parti li tkun fil-kawża.*

*Għaldaqstant, jekk ir-raġel jottjeni l-ħruġ ta' mandat biex jikkawtela pretensjoni in konnessjoni ma' beni parafernali ta' martu, jista' talvolta jingħad li huwa ma kellux dritt jottjeni dak il-mandat, imma ma jistax jingħad li huwa persuna illeġittima biex hekk jaġixxi, jew li l-mandat minnu ottenut huwa null.*

*Lanqas ma huwa null il-mandat għax min ottenieh ma ddeduċiex il-pretensjoni kawtelata fiż-żmien preskritt mill-liġi; għax id-difett ta' deduzzjoni ma jwassalx għan-nullità tal-mandat, imma għaċ-ċessazzjoni ta' l-effetti tiegħu.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, billi l-konvenuti, fl-interess apparenti tan-nisa tagħhom, fis-7 ta' Mejju 1952 ottenew mandat ta' deskrizzjoni kontra l-instanti; u billi dana l-mandat talvolta kellu jsir min-nisa tagħhom bħala persuni legalment idonei biex jitolbu l-ispedizzjoni tiegħu; talab li jiġi dikjarat null l-imsemmi mandat ta' deskrizzjoni għall-kawżali fuq imsemmija, u vessatorja għalhekk l-eżekuzzjoni tiegħu, u jiġu l-konvenuti kundannati għall-pagament tal-penali u għar-riżarċiment tad-danni kontemplati fil-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat il-verbal fol. 13, li minnu jidher li t-trattazzjoni ġiet limitata għall-pont proċedurali kellhiex tintalab ir-revoka flok in-nullità tal-mandat, u ntalbet deċiżjoni fuq dan il-pont;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Li l-kontestazzjoni, kif fuq limitata, hija jekk l-attur setax jitlob, kif talab, id-dikjarazzjoni tan-nullità tal-mandat fuq imsemmi, jew kellux jitlob ir-revoka ta' l-eżekuzzjoni tiegħu;

Illi, qabel ma tiġi nvestita dina l-kwistjoni, hu xieraq li jiġu riassunti l-fatti li taw lok għal dina l-kawża. B'ċitazzjoni, pendenti quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta, Maria Dolores Verzin u Maria Salvina Portelli, bl-assistenza ta' żwieġhom (il-konvenuti fil-kawża odjerna) talbu l-bejgħ in liċitazzjoni ta' sustanzi immobiljari u mobiljari in komune bejniethom, it-Tabib Angelo Attard Montalto, missierhom, u l-Avukat Giuseppe Attard Montalto (l-attur tal-lum). In segwitu, fit-28 ta' Marzu 1952, l-imsemmijin Verzin u Portelli ippreżentaw protest kontra l-imsemmi Dr. Giuseppe Attard Montalto, għaliex kienu ġew informati li hu kien qiegħed jagħmel użu tal-għodda tas-sajd li kienu komuni anki għalihom, u li hu kien ħallieħom taħt il-kustodja ta' persuna barranija. Fis-7 ta' Mejju 1953, l-istess Dr. Giuseppe Attard Montalto ipprometta, fil-kawża ta' liċitazzjoni, li jġib f'seduta oħra lista ta' dawk l-għodda. Fl-istess ġurnata l-konvenuti Maurice Verzin u Kaptan Bernard Portelli, fil-kwalità ta' leġittimi amministraturi tal-beni tan-nisa rispettivi tagħhom, ħalfu li kellhom interess li ssir id-deskrizzjoni ta' dawk l-oġġetti tas-sajd u oġġetti oħra li jinsabu f'idejn l-imsemmi Avukat Dr. Attard Montalto, u ottenew kontra tiegħu l-mandat tad-deskrizzjoni mpunjat f'dina l-kawża, u dana għall-finijiet tal-liċitazzjoni mitluba fil-kawża fuq riferita u biex jiġi kawtelat is-sehem li jmiss lir-rikorrenti mill-oġġetti fuq imsemmijin (v. dok. fol. 4). Dr. Attard Montalto ħass ruħu inġustament aggravat b'dana l-att kawtelatorju, u għamel dina l-kawża, fejn talab li jiġi dikjarat null l-imsemmi mandat għaliex kellu jsir min-nisa ta' l-eżekutanti bħala dawk li kienu l-persuni legalment idonei, u vessatorja għalhekk l-eżekuzzjoni ta' l-istess mandat, u konsegwentement talab il-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas tal-penali u għar-riżarċiment tad-danni; imbagħad, fid-dikjarazzjoni spjega li l-mandat kien null għaliex magħmul minn persuni mhux awtorizzati mill-liġi;

Tikkunsidra;

Illi sostanzjalment l-attur qiegħed jibbaża n-nullità talmandat mhux fuq difett ta' xi rekwiżit impost għall-validità tiegħu, iżda fuq nuqqas ta' dritt fl-eżekutanti li jitolbu dik ilkawtela;

Apparti l-kwistjoni jekk il-konvenuti, bħala rġiel u amministraturi tal-beni tan-nisa tagħhom, kellhomx dritt jikkawtelaw l-interess tagħhom fuq dawk il-beni, skond l-art. 1303 u 1375 (Kodiċi Ċivili), huwa fatt inkontrastat li huma, kif aġixxew, ma jistgħux jitqiesu bħala persuni illeġittimi fis-sens ta' l-art. 781 (Proċ. Ċivili); għaliex huma, tajjeb jew ħażin, fehmu li kienu qegħdin jeżerċitaw dritt lilhom rikonoxxut millliġi;

Jekk, però, il-konvenuti ma kienux persuni leġittimi fissens tal-liġi, għandha qabel xejn tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk dina l-eċċezzjoni tistax tingħata f'każ ta' sempliċi mandat kawtelatorju. Mil-lokuzzjoni ta' l-art. 781 (Proċ. Ċivili) donnu jidher li dina l-eċċezzjoni tippresupponi l-eżistenza ta' kawża ġà istitwita. Iżda d-diċitura ta' l-art. 790 hija ġenerika, u tikkomprendi l-atti kollha in ġenerali magħmula minn persuna illeġittima; u peress li dina l-eċċezzjoni twassal għan-nullità ta' l-atti ġudizzjarji, għandha tiġi adottata anki għall-atti kawtelatorji l-interpretazzjoni estensiva mogħtija, fuq l-awtorità tal-Carrè, minn dina l-Qorti fil-kawża "De Petri vs. De Domenico", deċiża fit-30 ta' Novembru 1897 (Kollez. XVI—III—145), fis-sens li jaqgħu taħt in-nomenklatura ta' atti ġudizzjarji anki "quelli che il Codice di Procedura enuncia, sebbene non tendano all'ottenimento o all'esecuzione della sentenza"; u b'hekk jidħlu anki l-mandati kawtelatorji. Konsegwentement, apparti dak li ntqal fuq, għandhom jiġu applikati lillatti kawtelatorji d-dispożizzjonijiet kollha relativi għall-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, fosthom l-art. 789 (1), li jirrendi inammissibili dik l-eċċezzjoni kontra l-persuni msemmijin fil-paragrafu (a) ta' l-art. 180, fejn hemm kompriż "żewġ il-parti", fil-każ tagħna l-konvenuti. Liema prinċipju ġie applikat minn dina l-Qorti fil-kawża "Conte Edoardo Sant Fournier ne. vs. Salvatore Borg", deċiża fis-6 ta' Awissu 1925 (inedita), fejn ġiet respinta l-eċċezzjoni li l-attur kien aġixxa f'isem martu in konnessjoni ma' beni parafernali tagħha. Issa, kieku l-konvenuti, kif kien imisshom skond il-liġi, iddeduċew il-pre-

tensjoni kawtelata bil-mandat, l-eċċezzjoni ta' l-illegittimità tal-persuna ma kienetx tkun legalment ammissibili kontra tagħhom, bil-konsegwenza li l-mandat ma kienx jaqa', u wisq anqas kien jiġi dikjarat null;

Ikkunsidrat;

Illi anki jekk il-konvenuti ma kellhomx dritt jitolbu l-att kawtelatorju in kwistjoni, dana n-nuqqas ta' dritt ma jwassal qatt għall-pretiża nullità ta' l-att. Jista' jfisser biss li fil-meritu tal-pretensjoni kawtelata, il-konvenuti ma kienux intitolati jitolbu dik il-kawtela. Kien ikun il-każ ta' waħda mill-eċċezzjonijiet li, skond l-insenmi Carrè, "fondate sempre sopra mezzi di diritto, e non di forma, costituiscono a tale riguardo dei motivi del merito o di vere difese, e possono per conseguenza proporsi in ogni stato della causa" (Procedura Civile, Vol. II, Quist. 751, paġ. 199);

Ikkunsidrat;

Illi, dejjem fil-każ fuq prospettat ta' nuqqas ta' dritt fl-eżekutanti, il-mandat jibqa' validu, għad li jispiċċaw biss l-effetti tiegħu. F'każ analogu deċiż minn dina l-Qorti fit-23 ta' Jannar 1882, in re "Mirabita vs. Xuereb" (Kollez. IX, 647), ġiet respinta n-nullità tal-mandat peress li ma kienx jonqos ebda wieħed mill-elementi rikjesti għall-validità tiegħu, u għalhekk ma kienx applikabili l-art. 799 (il-lum 792) tal-Proċedura Ċivili. "Quando però", spjegat il-Qorti, "si verifica difetto di diritto o credito nell'esecutante, il mandato, spedito dalla Corte competente e non deficiente di estremi sostanziali dalla legge prescritti, nè violante la forma dalla stessa legge stabilita, può rimanere senza effetto senza che perciò l'atto del mandato sia nullo, come non si direbbero nemmeno nulle citazioni, ingiunzioni, ed altri atti giudiziali legittimamente spediti, sebbene il pretendente, a domanda del quale fossero spediti, si riconoscesse non averne diritto. La stessa forma legale dei contro-mandati porta ordine al maresciallo di fare cessare gli effetti del mandato, colla consegna del contro-mandato". Issa, l-attur qiegħed jibbaża n-nullità tal-mandat mhux fuq difett ta' element rikjest mil-liġi, jew fuq il-vjolazzjoni ta' forma mil-liġi mposta, iżda fuq il-fatt li l-konvenuti ma kellhomx dritt li jikkawtelaw pretensjoni li kienet tikkompeti biss linnisa tagħhom. Għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq

żvolti, il-mandat in kwistjoni ma jistax ikun dikjarat null;

Ikkunsidrat fl-aħħarnett;

Illi ma hix attendibili l-osservazzjoni magħmula "en passant" mid-difensur ta' l-attur fit-trattazzjoni orali, li ċjoè l-mandat huwa null għaliex il-konvenuti ma ddeduċewx il-pretensjoni relativa fiż-żmien preskritt mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li diversa hija l-kawżali taċ-ċitazzjoni, li, peress li ma tistax titbiddel jew tiżdied, ma tistax tiġi kunsidrata f'din il-kawża. Barra minn dan, id-difett tad-deduzzjoni ma jwassalx għan-nullità tal-mandat, iżda biss għaċ-ċessazzjoni ta' l-effetti tiegħu (art. 846 (2) Proċ. Civ.)—konsegwenza uniformement applikata mil-leġislatur għall-mandati tal-qbid (art. 849 (2)), ta' sekwestru (art. 852), u ta' impediment tas-safar (art. 872);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement tilliberahom "ab observantia";

L-ispejjeż, in vista tan-novità u delikatezza tal-kwistjoni, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur.